MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. GRAZIO MERCIECA

Seduta ta' l-1 ta' April, 2005

Talba Numru. 92/2004

**Anthony u Stephen Lungaro**

**vs**

**Anthony Xerri**

It-Tribunal;

Ra l-eccezzjoni *rationae valoris* tal-konvenut

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-abbli avukati difensuri tal-partijiet kontendenti

Ikkunsidra:

Il-ligi tghid li meta t-talba tkun, kif quddiem dan it-Tribunal bilfors trid tkun, ghall-hlas ta' somma determinata, il-valur tal-oggett fil-kawza hu determinat mill-istess talba (Artiklu 748(a) Kap 12).

Id-domanda tista' tigi definita bhala d-dikjarazzjoni tar-rieda tal-attur li l-ligi tigi attwata favur tieghu. Id-domanda hija l-att kostituttiv tar-rapport guridiku processwali; u ghalhekk il-kompetenza ta' dan it-Tribunal ghal dak li jikkoncerna l-valur ma tistax tigi ddeterminata ghajr mid-domanda nnifisha. Kull domanda jkun fiha tlett elementi: is-soggetti, u l-*causa petendi* u l-*petitum.* L-ahhar zewg elementi biss huma rilevanti ghad-determinazzjoni tal-valur:

(a) Il-*causa* gherq tal-azzjoni, cioe' l-interess li minhabba fih tiskatta l-azzjoni, li s-soltu tinqasam f'zewg elementi: dritt, u stat ta' fatt kuntrarju ghall-istess dritt (*causa petendi).*

(b ) L-*oggett*, jigifieri l-effett li jkun irid jintlahaq minn min jesercita l-poter tal-azzjoni, jew fi kliem iehor dak li jkun qieghed jintalab (*petitum*). Dak li jkun qieghed jintalab *immedjatament* ikun dejjem *l-attwazzjoni tal-ligi*, li fl-azzjonijiet partikolari tindividwa ruhha bhala att partikolari (*kundanna* biex jigi restitwit fond; *kundanna* biex thallas mitt lira; *rexissjoni* ta' bejgh; *dikjarazzjoni* tal-falsita' ta' dokument). Il-haga li tkun trid tigi miksuba lura permezz tal-attwazzjoni tal-ligi (*fond* li jrid jigi restitwit; *somma* li trid tithallas) jissejjah l-oggett *medjat* tal-azzjoni.

Il-valur tad-domanda m'huwiex il-valur tal-oggett medjat tad-domanda, u lanqas huwa dak tal-*causa petendi* kkunsidrati isolatament wahda mill-ohra: huwa l-kombinazzjoni taz-zewg elementi flimkien; fi kliem iehor il-valur ta' dak li jkun qieghed jintalab ikkunsidrat fid-dawl tal-*causa petendi*, cioe' l-valur tar-rapport guridiku entro l-limiti tal-*petitum.* Hekk per ezempju tista' ssir talba ghall-konsenja ta' immobbli b'titolu ta' lokazzjoni jew ta' proprjeta': l-oggett huwa l-istess, imma mhux il-*causa petendi*. (Chiovenda pagna 402).

Konformement ma' dan il-principju, meta t-talba tkun tirrigwarda somma flus li tkun parti minn somma ikbar li kienet originarjament dovuta, il-kompetenza tat-Tribunal tigi ddeterminata mis-somma mitluba, kull meta, ghalkemm id-domanda tkun ibbazata fuq ir-rapport

kuntrattwali kollu kemm hu, dan ir-rapport jigi dedott fil-gudizzju biss fil-limiti tal-*petitum.* Min-naha l-ohra, jekk bhala parti mill-kwistjoni jiddahhal ir-rapport guridiku kollu kemm hu, allura l-kompetenza tigi ddeterminata mhux minn dak li jkun qieghed jintalab – il-*petitum* – imma mill-obbligazzjoni kollha kemm hi. Dan il-principju ma nsibuhx imnaqqax f'xi artiklu partikolari tal-ligi, imma jista' jigi dedott mill-applikazzjoni tieghu ghal kaz partikolari li ta'spiss jokkorri fil-gudizzji civili, u cioe' dak ta' kawzi li jirrigwardaw l-ezekuzzjoni ta' obbligazzjonijiet li ghandhom jithallsu f'rati: il-valur jigi determinat mis-somma mitluba ghar-rata jew ghar-rati maghluqa sal-gurnata tat-talba (Art 753(1) Kap 12). Izda, tkompli tghid il-ligi f'dan il-kaz, meta t-talba hija maghmula biex issostni jew tattakka obbligazzjoni, il-valur jigi determinat mis-somma kollha tal-obbligazzjoni (Art 753(2) Kap 12).

Ghalhekk kollox jiddependi fuq il-parametri tal-kwistjoni kif impoggija mill-attur. Il-kaz ***Peter Muscat vs Tasika Auto Limited***[1] iccitat mill-konvenut kien gie ttrattat minn dan it-Tribunal kif ippresedut, imbaghad fuq appell, id-decizjoni ta' dan it-Tribunal li jaghti terminu lill-konvenut biex jaghmel kawza hu giet revokata mill-Onor. Qorti tal-Appell. Din il-Qorti irragunat li ghalkemm it-talba (petitum) kienet ghal elf lira, ammont ta' depositu fuq karozza li l-attur kien ta' lill-konvenut, din it-talba kienet timplika talba ohra ghat-thassir tal-kuntratt tal-bejgh tal-karozza – u dan kien jesorbita mill-kompetenza tat-Tribunal. Il-parametri tal-azzjoni ghalhekk kienu gew miftuha mill-attur innifsu, u mhux mill-konvenut b'xi eccezzjoni li kien ta. Bhall-konvenut, it-Tribunal ihoss li ghandu jiccita din is-silta twila minn dik is-sentenza tal-Qorti:

*M'hemmx dubju minn dak premess illi t-talba proposta mill-attur f'din l-istanza hi ghal somma determinata u b'hekk reintranti f'dak provvdut fl-artikolu 748 (a) tal-Kap 12. Rigwardata strettament mill-ottika ta' din id-disposizzjoni l-valur hu hekk determinat fid-domanda. Kif drabi ohra deciz "E'massima di diritto giudiziario che la*

[1] Appell Civili, Ghawdex Numru 90/2003/1 – Onor Imhallef P Sciberras

*competenza in ragione di valore si regola dalla domanda poiche il valore della causa e` il valore dell'oggetto in lite. E questa massima e` accolta dalle nostre leggi procedurali secondo cui quando l'eccezione di incompetenza dipende dal valore dell'oggetto in lite, tale valore e` determinato dalla domanda, se questa ha per oggetto il pagamento di una somma determinata o una valore determinato nel titolo che da causa alla azione, o per convenzione o per opinione comune" – "**Margerita*** **Attard et –vs- Paolo Spiteri et**" Appell Civili, 16 ta' Gunju 1916 (**Kollez. Vol XXIII pI p189**).

*Sa hawn allura l-materja ma tikkreja l-ebda diffikolta`. Din tinsorgi meta l-Qorti jew it-Tribunal li jkun jigu msejha biex jaraw jekk hemmx lok illi jittiehed provvediment rigward tal-obbligazzjoni ntiera meta t-talba tigi rezistita, u allura, bhala parti mill-process taghha, jkollhom jinvestigaw ukoll il-kwistjoni fit-termini tal-obbligazzjonijiet kontrattwali. Fil-kuntest gie osservat li "il-kompetenza tal-Qorti (jew tat-Tribunal) tkun determinata mill-indoli ta' l-obbligazzjoni in relazzjoni ghall-obbligat" (**Kollez. Vol XXXII pII p247**). Fil-kaz in ispecje, fuq il-bazi ta' dak rinvenut mill-atti, ma jidherx li r-reintegrazzjoni tad-dritt pretiz mill-attur hu rimedjabbli semplicement bl-ekwivalenza tas-somma mitluba. Il-gudizzju dwar it-talba in kontestazzjoni li jrid jigi pronunzjat jivversa fuq l-obbligazzjoni kollha naxxenti mill-ftehim ' komprovendita'. Huwa indikattiv allura li jigu konsiderati regoli ohra.*

*Issa tajjeb li jigi precizat illi l-parametri li fihom it-Tribunal ried jezercita l-gudizzju tieghu, u allura wkoll il-kompetenza tieghu, kienu jiddependu kemm mit-talba kif ukoll il-premessi ghaliha. F'dan il-kaz dawn il-premessi huma cirkoskritti ghall-allegata inadempjenza da parte tas-socjeta` konvenuta li tonora l-obbligazzjoni tal-kunsinna tal-vettura fit-terminu pattwit. Jitnissel minn dan illi l-attur appellat irpoza l-bazi tal-pretensjoni tieghu fuq il-vinkolu kontrattwali u qed jigi sottointiz minnu illi hu m'ghadux marbut mal-kondizzjonijiet tieghu. Huwa allura l-attur li qed jirripudja l-kuntratt meta jsostni li s-socjeta` appellanti kienet in vjolazzjoni tieghu. Ripudazzjoni din li,*

*jekk tirnexxi, iggib b'konsegwenza x-xoljiment tal-ftehim u allura d-dritt li jirrikjama lura l-ammont depozitat.*

*Fil-fehma tal-Qorti l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta kellha tigi ezaminata fl-ambitu tad-deduzzjoni hawn maghmula u, cjoe, tal-kostatazzjoni ta' dawn il-partikolaritajiet involuti fl-azzjoni ntentata. Kellu jkun car ghat-Tribunal illi mill-istess premessi tal-kawza kien l-istess attur li kien qed jitlob, bhala parti mill-process, illi t-Tribunal jezamina u jiddeciedi l-obbligazzjonijiet emanenti mill-kuntratt ta' ftehim.*

Hemm imbaghad cirkostanzi fejn ghalkemm inizjalment it-talba tkun entro l-kompetenza tat-tribunal, il-kwistjoni bejn il-partijiet kontendenti tinftetah f'parametri li jesorbitaw il-kompetenza *rationae valoris* tat-Tribunal, permezz ta' eccezzjoni mressqa mill-konvenut.

Hekk kien il-kaz tal-kawza l-ohra, imsemmija mill-konvenut, ***Saviour Mercieca et vs Carmel Galea –*** Appell Inferjuri, PS 12.12.2002. F'dan il-kaz, l-atturi kellhom jiehdu s-somma ta' LM4,700 minghand il-konvenut li ddepozita s-somma ta' LM4,500 fir-Registru. L-atturi sbankaw id-depositu imbaghad ghamlu kawza ghall-bilanc. Il-konvenut ecepixxa li l-isbank kien ghas-saldu. It-Tribunal ghalhekk kellu jiddeciedi jekk l-isbank kienx ghas-saldu jew le. Materja din, qalet il-Qorti tal-Appell, li kjarament kienet tinvolvi l-elementi kollha tal-ftehim bejn il-partijiet. Hija qalet li *l-obbligazzjoni tal-konvenut kif hekk del resto gie esplorat u dibattut mit-Tribunal, ma kinitx isolata u limitata biss ghall-bilanc reklamat mill-atturi imma l-kwistjoni kellha ta' bilfors, ope exceptionis tigi deciza fl-isfond tan-negozju intier.*

Ricci[2] hekk jispjega d-differenza bejn meta l-kwistjoni tkun tinvolvi n-negozju guridiku kollu u meta tkun tinvolvi biss parti zghira minnu: *Stabilita la competenza in ragione di una determinata somma, rimane a vedere in qual modo dovra' la competenza stessa regolarsi,*

[2] Francesco Ricci, Commento al Codice di Procedura Civile 1886, Vol l, para 148, pagna 153

*allorche' e' in questione non l'intera somma, ma una porzione della medesima…. Se sul totale della somma non si elevi disputa di sorta, in tal caso la competenza si determina da quanto esclusivamente si domanda. Poniamo il caso che mi si debba restituire un mutuo di lire 3000 in tre rate eguali di lire 1000 per ciascun anno. Se io convengo innanzi al pretore il mio debitore, reclamando la rata di un solo anno, e il convenuto non impugni ne' il debito ne' la somma a cui ascende, ma limiti le sue eccezioni, vuoi di pagamento, vuoi di richiesta prematura, vuoi di non verificata condizione, alla sola rata richiesta in giudizio; in tal caso la questione riflette unicamente le lire 1000 oggetto della controversia; la sentenza del giudice non puo' influire sulla totalita' del credito che non e' posto in discussione, ed e' percio' che egli deve ritenersi competenei a giudicare*[3].

In vista ta' dan it-taghlim, dan it-Tribunal ma jsibx li d-domanda fl-avviz tat-talba (mhux meqjusa fid-dawl tar-risposta tal-konvenut) tesorbita l-kompetenza tieghu. L-atturi Lungaro qeghdin jghidu li hallsu LM1,860 bhala depozitu ghal xoghol li kellu jesegwixxi l-konvenut; li dan esegwixxa b'kemm jiswa LM1,269.97 u li ghalhekk fadal bilanc x'jithallas ta' LM590.03. Il-kwistjoni hija ghalhekk fuq il-bilanc biss. Mhix estisa ghall-obbligazzjoni intiera. Hija ghalhekk sitwazzjoni ghal kollox differenti minn dik rizultanti f' *Muscat vs Tasika Auto Limited.* Is-sitwazzjoni migjuba quddiem dan it-Tribunal hija invece simili ghal dik ikkontemplata fl-ezempju mir-Ricci li ghadu kif gie kkwotat, kif ukoll l-istess sitwazzjoni li kien hemm, inizjalment, u cioe' sakemm giet intavolata r-risposta, f'*Mercieca v Galea.* Il-Qorti tal-Appell ma qalitx li t-Tribunal ma kellux kompetenza ghax kellu bzonn, biex jasal ghad-decizjoni tieghu a bazi tal-avviz tat-talba (dejjem qabel ma ddahhlet ir-risposta) jaghmel deduzzjoni matematika mis-somma kollha inizjalment dovuta tas-somma irtirata mill-Qorti. Dan l-ezercizzju

[3] Ricci kien qieghed jikkummenta fuq kompetenza tal-pretur, li kumbinazzjoni kienet ta' elf u hames mitt lira bhal dik ta' dan it-Tribunal, bid-differenxa li l-liri kienu Taljani.

matematiku ma jfissirx li t-Tribunal ikun qieghed jiddeciedi fuq in-negozju guridiku intier.

Hija invece l-eccezzjoni tal-konvenut, li tattakka kemm il-quantum tal-prezz intier tal-appalt, kif ukoll il-quantum tal-prezz tax-xoghol attwalment esegwit - u dan it-tnejn f'somom li jeccedu l-kompetenza *rationae valoris* ta' dan it-Tribunal. Ghalhekk huwa l-kaz li jigi applikat l-artiklu 7(2)(a) ta' kap 380, ghax it-Tribunal, inizjalment kompetenti, ma baqax hekk wara t-tressiq tar-risposta tal-konvenut.

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-inkompetenza, jissospendi l-procediment u ghalhekk jiddifferixxi l-kawza *sine die* u jaghti terminu ta' xahar sabiex il-konvenut jiddeduci azzjoni appozita quddiem il-Qorti kompetenti in sostenn tal-eccezzjonijiet tieghu.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------